Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA**

Seduta tad-9 ta' Settembru, 2008

Numru 880/2008

**Il-Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**
**V**

**EDWARD BONELLO**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EDWARD BONELLO** ta' sittax il-sena bin Marcel w Antoniette nee Stellato, imwieled Pieta nhar s-sbatax t'Ottubru 1991 u residenti 'Dimora', Triq l-Insolja, H'Attard, detentur tal-karta ta' l-identita numru 526091M gie mressaq quddiemha nhar d-disgha ta' Settembru 2008 akkuzat talli b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Bejn Mejju 2008 u Awwissu 2008, f'hinijiet differenti wara d-disgha w nofs ta' filghaxijas, minn gewwa 'Empire' li jinsab fi Triq San Gorg, Paceville,

ikkommetta serq ta' diversi oggetti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, meta l-haga misruqa tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) kif ukoll bil-hin, u dan ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa;

2. Talli bejn Mejju 2008 u Awwissu 2008, f'xi hin wara d-disgha w nofs ta bil-lejl, minn gewwa 'Amazonia', li jinsab fi Triq it-Trunciera, Bugibba, ikkommetta serq ta' *wallet* u munita tal-fidda, liema serq huwa ikkwalifikat bil-hin u dan ghad-dannu ta' persuna mhux maghrufa;

3. Talli bejn Mejju 2008 u Awwissu 2008, f'xi hin wara d-disgha w nofs ta bil-lejl, minn gewwa 121 Lounge Bar li jinsab fi Triq fit-Tarag ta' Santa Rita, Paceville, ikkommetta serq ta' I Pod tad-ditta 'Nano', liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, meta l-haga misruqa tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94) kif ukoll bil-hin, u dan ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa;

4. Talli bejn Mejju 2008 u Awwissu 2008, flimkien ma' persuni ohra, f'xi hin bejn is-sitta ta' filoghodu w t-tmienja ta' filghodu, minn gewwa l-lukanda 'Sunflower' li tinsab fi Triq Garcia De Toledo, Bugibba, ikkommetta serq ta' oggetti, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur, meta l-haga misruqa tiswa aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94), bil-mezz u bil-hin u dan ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa;

5. Talli bejn Mejju 2008 u Awwissu 2008, b'xi hin bejn d-disgha w nofs ta bil-lejl u nofs il-lejl, bil-hsieb li taghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, billi ipprova jisraq flus permezz ta' *credit card* li hu stess kien seraq hin qabel, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volontà tieghu u li kieku sar, il-valur ma kienx jeccedi it-tlieta u ghoxrin euro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29).

Il-Qorti giet mitluba sabiex tordna lill-imputat jiddepozita il-karta ta’ l-identita’ kif ukoll il-passaport tieghu f’dawn l-atti u dan fid-dawl ta’ l-izvilupp tas-shubija ta’ pajjizna fiz-zona Schengen ai termini ta’ l-artikoli 6A(b) ta’ l-Att dwar il-karta’ ta’ l-identita’, Kap 258 Tal-Ligijiet ta’ Malta.
Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti kollha esibiti fosthom l-estratt mill-att tat-twelid tal-imputat bhala Dok. CSH, fedina penali tal-imputat bhala Dok. CSH 1 u kunsens tal-Avukat Generali datat disgha ta’ Settembru 2008, bhala Dok. CSH 2.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta' llum, d-disgha ta’ Settembru 2008, u cioe fil-jum meta gew mahlufa l-akkuzi odjerni fil-konfront tal-imputat u meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-artikolu 453(1) tal-Kap 9 u cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati din l-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq l-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk irid jerga lura minnha u kien wara li staqsietu t-tieni darba li l-Qorti ghaddiet biex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni voluntarja w inkondizzjonata tal-stess imputat, l-Qorti tiddikjara li m’ghandhiex triq ohra salv li ssbu hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Semghet wkoll lil prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat ikkopera maghha tul l-investigazzjoni ta’ dan il-kaz, u li rritorna r-res furtiva minn rajh, kif wkoll li kkumpensa lil vittmi f’dan il-kaz.

Ikkunsidrat:

Il-Qorti qiset is-segwenti fatturi rigwardanti l-piena:

1. L-ammisjoni bikrija tal-imputat sa mill-bidu nett ta’ dawn il-proceduri u cioe mal-presentata u li b’hekk m’inhela ebda hin zejjed tal-Qorti;

2. Il-fedina penali netta tal-imputat minn fejn jirrizulta li l-imputat m'ghandu ebda reat wiehed registrat fuqha w ghalhekk ghandu jitqies bhala *a first time offender;*

3. L-eta tenera tal-imputat;

4. Il-ko-operazzjoni shiha tal-imputat mal-Prosekuzzjoni tul l-investigazzjoni kollha ta' dan il-kaz tant li l-imputat hallas il-vittmi ghas-saldu tal-pretenzjonijiet taghhom.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi, partikolarment l-artikolu 279, 280, 41(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li ssib lil imputat EDWARD BONELLO hati tal-akkuzi kollha kif minnu ammessi u tiddeciedi bl-applikazzjoni tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, li tpoggih taht ordni ta' probation ghaz-zmien massimu permess mill-ligi ta' tlett [3] snin mill lum taht is-segwenti kundizzjonijiet:**

**1. li l-imputat ghandu jibda u jkompli programm ta' rihabilitazzjoni;**

**2. li matul dan il-perjodu ta' probation ta' tlett snin l-imputat, ghandu jgib ruhu tajjeb, jghaddi hajja ta' bzulija u joqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma jiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;**

**3. li l-imputat jibqa jzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtih minn zmien ghal zmien u partikolarment huwa kellu, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, jircievi zjarat tieghu fid-dar tieghu;**

**4. li l-imputat minnufih jgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol tieghu;**
**5. li l-imputat jidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull erbgha xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilu mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-istess imputat.**

**Il-Qorti spjiegat lil hati fi kliem car, kemm r-responsabilita tieghu u x'jigri jekk hu jikkommetti reat li ghalih ikun hemm piena ta' prigunerija matul l-perjodu ta' tlett [3] snin.**

**Il-Qorti tordna ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kopja ta' din s-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.**

**Il-Qorti tordna wkoll li ai termini tal-artikolu 401(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kopja ta' din s-sentenza u l-atti kollha ta' dan il-procediment jintbaghtu lil Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat**
**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D**

**Il-Pulizija**
**Spettur Keith Arnaud**
**V**

**EDWARD BONELLO**

**ORDNI TA' PROBATION**
**[Artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta]**

**Seduta ta' llum, 9 ta’ Settembru 2008**
Billi b'sentenza moghtija llum fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-imsemmija persuna mputata **EDWARD BONELLO** ta' sittax il-sena bin Marcel w Antoniette nee Stellato, imwieled Pieta nhar s-sbatax t’Ottubru 1991 u residenti ‘Dimora’, Triq l-Insolja, H’Attard, detentur tal-karta ta' l-identita numru 526091M **tigi mpoggija taht Ordni ta’ Probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta’ tlett [3] snin mill-lum.**

Wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta’ Probation;

Wara li fissret bi kliem car l-effetti ta’ dan l-Ordni ta’ probation lil persuna mputata, inkluz l-htigijiet mizjuda skond s-sub artikolu 7(1) tal-Kap 446 w innutat li l-istess persuna mputata wriet li trid thares l-htigijiet ta’ din l-istess Ordni;

**Tordna lil persuna imputata EDWARD BONELLO** ta' sittax il-sena bin Marcel w Antoniette nee Stellato, imwieled Pieta nhar s-sbatax t’Ottubru 1991 u residenti ‘Dimora’, Triq l-Insolja, H’Attard, detentur tal-karta ta' l-identita numru 526091M **titqieghed taht ordni ta’ probation ghal perjodu ta' tlett [3] snin mill-lum taht dawn il-htigijiet:**

1. Illi matul dan il-perjodu ta’ tlett snin l-persuna mputata ghandha ggib ruhha tajjeb, tghaddi hajja ta' bzulija u toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer, inkluz kull direttivi li l-Probation Officer jhoss li jkunu necessarji sabiex ma tiffrekwentax certu postijiet u/jew certi nies;

2. Illi l-persuna mputata ghandha tibqa zzomm kuntatt kontinwu mal-istess Probation Officer skond d-direttivi li dan jaghtiha minn zmien ghal zmien u partikolarment hija ghandha, jekk l-Probation Officer jkun irid hekk, tircievi zjarat tieghu fid-dar taghha;

3. Illi l-persuna mputata ghandha minnufih tgharraf lil Probation Officer b'kull tibdil ta' residenza u/jew xoghol taghha;

4. Illi l-persuna mputata ghandha tidher quddiem il-Qorti flimkien mal-istess Probation Officer kull tlett xhur fid-data w il-hin li jigu komunikati lilha mill-istess Probation Officer bl-iskop li l-Qorti jkollha rapport dwar l-andament u l-imgieba tal-persuna mputata u jzomm kuntatt mas-Social Worker Damien Spiteri; u

5. Li l-persuna mputata tibda u ssegwi programm ta’ rihabilitazzjoni.

**Tordna li kopja ta' din l-Ordni tinghata lil hati u lid-Direttur inkarigat mill-Ufficju tal-Probation Services ai termini tal-artikolu 7(8) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.**

……………………………..
**……………………………..**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------